# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 13 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 32**

**Rikors Numru: 243/2013 JPG**

**Anthony Giorgio (ID1052845M) bhala mandatarju specjali ta' ibnu Fabrizio Giorgio (ID407679M) assenti minn dawn il-Gzejjer**
**(16, Begonia, Triq l-Ghamad, Swieqi)**

**vs**

**Tristar Freight Services Limited (C19300)**
**(Airways House, 22, Tower Street, Msida)**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Anthony Giorgio (ID 1052845M), bhala mandatarju specjali ta' ibnu Fabrizio Gorgio (ID 407679M), assenti minn dawn il-gzejjer datat 12 ta' Marzu 2013, li jaqra hekk;

1. *Illi preliminarjament qed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok FG****, il-prokura li r-rikorrenti ta lil missieru, Anthony Giorgio sabiex ikun jista' jirrapprezentah fil-kawza odjerna.*

2. *Illi f'Awissu tas-sena 2011, ir-rikorrenti, cittadin Malti u li llum jghix l-Awstralja, kien inkariga, ossija dahal f'kuntratt ta' garr mas-socjeta' intimata, sabiex dina*

*tiehu hsieb il-garr tal-oggetti personali tieghu, ta' martu u tat-tifel taghhom, minn Malta ghall-Awstralja.*

3. *Illi s-socejta' intimata kienet ikkonfermat, fl-4 ta' Awissu 2011, il-qisien tal-kaxxa/pallet tal-oggetti in kwistjoni, kif ukoll il-piz u l-prezz ghall-inkarigu li hadet (**Dok FG 1**) u kienet baghtet ukoll lir-rikorrenti kopja tal-polza ta' tagħbija datata 9 ta' Awissu 2011, fejn indikat b'mod car illi l-personal effects tar-rikorrenti kellhom jitilqu minn Malta fl-14 ta' Awissu 2011, kif tidher mill-annessa polza **Dok FG 2**.*

4. *Illi ghar-ragunijiet li taf bihom biss is-socjeta' intimata, dawn il-personal effects baqghu ma telqux minn Malta skond kif ikkuntrattat bejn il-kontendenti u diversi granet wara, dawn il-personal effects gew distrutti minn nirien li hakmu il-mahzen ossija in-nissen hut gewwa il-Bormla, fejn kienu qed jigu mizmuma dawn l-oggetti, bil-konsegwenza li l-istess sfaw kompletament distrutti kif jidher mill-annessi ritratti li ttiehdu mir-rikorrenti circa jumejn wara l-incident, immarkati **Dok FG 3 sa Dok FG27***

5. *Illi l-personal effects destrutti kif fuq imsemmi, u skond stima mill-aktar modesta u moderata, jammontaw ghall-eluf ta' Euro. Illi ghal dan il-fini qed jigi hawn anness elenku tal-oggetti kollha li gew destrutti fl-incendju (**Dok FG 28(i) sa DOk FG28(iii)**)*

6. *Illi minbarra l-fatt illi ghal dan it-telf hija responsabbli unikament, almenu fil-konfront tar-rikorrenti, is-socjeta intimata, li kellha taht il-kustodja taghha dawn l-oggetti proprjeta' tar-rikorrenti u li kieku mhux ghax kissret il-kuntratt miftiehem, u ghabbiet dawn l-oggetti kif kellha u kienet obbligata li taghmel skond il-ftehim u skond il-bill of lading, ir-rikorrenti ma kien isofri l-ebda danni, hija wkoll responsabbli ghall-istess skond il-Ligi, bhala depositarju bi hlas ghall-imsemmija oggetti; dana minbarra ukoll il-fatt illi s-socjeta' intimata kienet negligenti wkoll meta ma haditx dawk il-prekawzjonijiet kollha li kienet obbligata tiehu skond il-Ligi biex tipprevjeni tali hsarat.*

7. *Illi s-socjeta' intimata giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tad-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, sahansitra permezz ta' zewg ittri interpellatorji datati 24 ta'Awissu 2011 u 17 ta' Jannar 2012 rispettivament kif ukoll bi protest gudizzjarju datat 24 ta' Awissu 2012 izda din l-istess socjeta intimata baqghet inadempljenti billi ppruvat tfarfar mir-responsabbilta' u titfa l-htija taghha fuq terzi (**Dok FG29**)*

*Jgħidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarji u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghall-hsarat li soffra r-rikorrenti, wara li l-personal effects kollha tieghu u tal-familja tieghu gew distrutti minn nirien li hakmu l-mahzen kif fuq spjegat u kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba n-negligenza, agir abbuziv u illegali da parti tas-socjeta' intimata, li wasslet ghad-distruzzjoni tal-personal effects kollha tal-Familja Giorgio.*

3. *Tordna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata minħabba n-negliġenza u tort tagħha.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Protest Gudizzjarju, flimkien mal-imghaxijiet legali u bl-inġunzjoni tas-socjeta intimata għas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Tristar Freight Services Limited, datata 12 t'April, 2013, (vide fol 40 et seq), li taqra hekk;

*Tesponi bir-rispett u Mark M Anastasi (ID 573181M) bil-gurament tieghu jikkonferma:*

1. *Illi id-dokumenti bid-data tad-9 ta' Awwissu 2011 ma jorbotx lis-socjeta' esponenti u dana stante illi mhux iffirmat. Peress li si tratta ta' operazzjoni kummercjali u*

*jidher car illi l-partijiet riedu jassoggettaw id-dokument ghall-firma, kwalsiasi stipulazzjoni li tohrog minn dan id-doument ma torbotx lis-socjeta' esponenti;*

2. *Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-data tal-14 ta' Awwissu 2011 kienet wahda indikattiva u mhux tassattiva, u ghalhekk it-talbiet attrici li huma bbazati fuq l-allegat nuqqas ta' tluq minn Malta fl-14 ta' Awwissu 2011 huma f'dan is-sens infondati;*

3. *Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma ghandha l-ebda responsabbilita fir-rigward tan-nirien fil-mahzen u li fih inqerdu l-oggetti de quo, u dan kif se jigi ampjament dimostrat waqt is-smigh ta' din il-kawza;*

4. *Illi fil-mertu wkoll u fi kwalsiasi kaz, id-danni reklamati mill-attur huma bil-wisq esagerati u dana specjalment meta kien l-attur innifsu li ffirma packing list (kopja annessa u immarkata Dok TFS1) fejn gie dikjarat li l-valur kumplessiv tal-oggetti de quo kien ta' hames mitt Ewro (€500). Illi l-attur ma jistax jippretendi li l-oggetti de quo jiswew €28,000 meta kien huwa stess li ddikjara li jiswew €500;*

5. *Illi b'zieda ma dak ddikjarat fir-raba' risposta, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante l-illecita' tal-kawza attrici in kwantu l-attur qieghed jipprova jaghmel gwadann indebitu meta kien huwa stess li ddikjjara ammont irrizorju meta kkumparat ma' dak li issa qed jghid li huwa l-valur tal-oggetti de quo;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti mhijiex responsabbli ghal telf jew hsara li jigru minhabba hruq u dana b'applikazzjoni tal-ligi specjali;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, ir-responsabbilita' ghad-danni tas-socjeta' konvenuta hija limitata bil-ligi specjali u l-konvenzjonijiet applikabbli;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli versu l-attur;*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Anthony Giorgio** xehed a fol 117 *et seq* illi huwa missier ir-rikorrent, li llum il-gurnata joqoghod l-Awstralja. Spjega illi ibnu diga kien mar jghix ghal xi snin l-Awstralja biex jistudja, u ghalhekk kienu diga uzaw is-servizzi tas-socjeta ntimata biex jingarru xi affarijiet l-Awstralja bil-bahar. Xehed illi f'Awissu 2011 ibnu kienu qallu li hu u martu kieu ddecidew li jmorru lura joqoghdu l-Awstralja u li kienu ser jitilqu fi zmien xahar. Ghalhekk kienu marru ghand is-socjeta ntimata biex jorganizzaw li kaxxa oggetti tigi mibghuta bil-bahar. Spjega li kienu marru fl-ufficju tas-socjeta ntimata fl-4 ta' Awissu 2011, li nformawhom illi jekk jilhqu jiehdu l-kaxxa ghand is-socjeta ntimata sad-9 ta' Awissu 2011, din kienet tista' titghabba mal-vjagg li kien ser jitlaq minn Malta lejn l-Awstralja fl-14 ta' Awissu, u li jekk ma jilhqux jibghatuha ma' dan il-vjagg, vjagg iehor imbaghad kien ser ikun f'Settembru. Ghalhekk kienet tkun problema ghal ibnu li kien ser jasal l-Awstralja f'nofs Settembru. Kompla li minhabba f'hekk, hu u ibnu kienu ghaglu kemm setghu biex jilhqu jippakjaw il-kaxxa, li kienet ta' zewg metri kubi. Xehed illi filfatt kienu lahqu haduha fiz-zmien stipulat, u lil ibnu kienu tawh document b'lista ta' affarijiet, biex jaghzel liema minnhom kienu fil-kaxxa. Ibnu zied illi fil-kaxxa kien hemm strumenti muzikali. Qal li fiflatt it-tifel tieghu kien muzicista professjonali u li ghalhekk dawn l-istrumenti kienu l-ghejxien tieghu. Spjega li sussegwentement fis-17 ta' Settembru kien ra fuq l-ahbarijiet illi kien sehh nar fil-mahzen fejn kellha tinzamm il-kaxxa ta' ibnu sakemm din titghabba fuq il-bastiment, u ghalhekk kien cempel lil Saviour Zammit biex jaccerta ruhhu dwar il-kaxxa ta' ibnu, izda dan qallu li ahjar imur ikellem lis-socjeta ntimata. Xehed li l-ghada kien mar l-ufficju tas-socjeta ntimata u dawn tawh l-ahbar illi l-kaxxa ta' ibnu kienet ghada ma telqitx u ghalhekk kienet sfat dannegjata fl-incendju, u dan nonostante l-fatt illi r-rikorrenti kienu kkonfermaw mal-Freeport illi l-bastiment, li suppost kellha tkun fuqu l-kaxxa, kien telaq fl-14 ta' Awissu. Xehed illi l-oggetti kollha li kien

hemm fil-kaxxa, inkluz oggetti b'valur sentimentali, kienu nhaqru, u s-socjeta ntimata ma kienet tathom ebda kumpens ghal dawn id-danni, ghajr illi ghamlet offerta ta' €500 bhala kumpens ghal prezz tat-tghabbija. **Rigward il-valur ta' €500 indikat fuq il-*packing list.* Anthony Ghigo xehed illi ibnu qatt ma kien indika dan il-valur u li filfatt dan ma ssarx bil-kitba tieghu.**

**Matthew Sultana** xehed in subizzjoni a fol 147 *et seq* illi huwa *freight manager* mas-socjeta ntimata u kkonferma illi r-rikorrent gieli ghamel uzu mis-servizzi tas-socjeta ntimata biex jesporta oggetti lejn l-Awstralja. Xehed illi konsenji lejn l-Awstralja isiru cirka kull hames jew tmien gimghat, skont id-domanda. Spjega illi meta mar ghandhom ir-rikorrent biex jesporta l-oggetti in kwistjoni, huwa kien talbu d-dettalji, u cioe l-indirizz ta' Malta u ta' l-Awstralja, numri tat-telefon u l-*packing list,* u cioe l-affarijiet li kien ser jibghat lejn l-Awstralja. Xehed illi hu mbaghad kien tah stima ibbazata fuq it-tip ta' oggetti li kienu ser jigu esportati, l-volum, id-dimensjonijiet u l-piz, u qal illi r-rikorrent qatt ma semma li kien mghaggel ghaliex li kieku setghu jibghatu l-affarijiet bl-ajru. **Spjega li f'dan il-kaz, il-kaxxa tar-rikorrenti ma kienetx intbghatet ghaliex ma kienx hemm bizzejjed xoghol biex jimla *container*,** u qal illi filfatt hu kien informa lir-rikorrent illi l-kaxxa tintbghat meta jkun hemm bizzejjed xoghol biex jimla *container.* **Qal izda li ma kienx avza lir-rikorrenti illi l-kaxxa ma kienetx telqet fl-14 ta' Awissu.**

Rigward il-hazna tal-kaxxa tar-rikorrent, Sultana xehed illi din kienet giet mahzuna f'*nissen hut* f'Bormla, fejn kien hemm mahzun ukoll xi oggetti ohra, u **kkonferma li f'dan il-mahzen kien hemm tankijiet taz-zejt.** Xehed illi filfatt kien normali li jkun hemm tahlita ta' affarijiet fil-mahzen. Rigward il-valur ta' €500 indikat fil-*packing list,* **ikkonferma illi dik hija l-kitba tieghu** u mistoqsi kif, jekk ir-rikorrent kien quddiemu, **kiteb hu l-valur wiegeb: "*Mhux ghax probabbli tlabtu l-valur*"** u qal li dan il-valur ikollhom bzonn ikunu jafuh minhabba tad-dwana, ghalkemm ikkonferma illi hawn Malta r-rikorrent ma kienx ser ihallas dazju. Ikkonferma illi fil-mahzen fejn kien hemm il-kaxxa tar-rikorrent, kien hemm incendju u **l-oggetti kollha tar-rikorrent gew distrutti bin-nirien. Ikkonferma illi dawn ma kienux koperta bil-polza ta' assikurazzjoni taghhom peress illi kienu jinsabu fil-mahzen tal-burdnar tas-socjeta ntimata.**

**Sultana, prodott mis-socjeta ntimata,** xehed a fol 226 *et seq* illi bhala prassi huwa jispjega lill-klijent illi biex jitlaq il-*container,* li huwa tal-ghoxrin pied, irid jilhaq jimtela u

li jekk ikun mghaggel l-oggetti jistghu jigu trasportati bl-ajru, ghalkemm dan ikun iqum hafna iktar. Xehed illi meta kien marr ir-rikorrent l-ufficju flimkien ma' missieru, kienet intliet *packing list* u formola ghall-*Heritage Malta*, u xehed li l-valur indikat fuq il-*packing list* ikun irid jaghitulu l-klijent peress li hu ma jkunx jaf. Xehed illi f'dan il-kaz il-valur ta' €500 kien tahulu r-rikorrent, u bhas-soltu hu ma kienx ghamel investigazzjoni biex jizgura ruhhu li dan kien il-valur korrett. Spjega li f'dan il-kaz ma kellhomx xoghol bizzejjed biex jimlew *container* u kien ghalhekk li l-oggetti tar-rikorrent kienu ghadhom fil-mahzen. Ikkonferma li kien hemm Inkjesta Magisterjali u zied li **s-socjeta ntimata kienet ukoll inkarigat espert li kien ikkonkluda li kien kaz ta' *arson.***

**Mark Anastasi** xehed a fol 169A *et seq* illi huwa direttur tas-socjeta ntimata, pero ma jiehux hsieb id-*day to day running* taghha, u ghalhekk qatt ma' ltaqa mar-rikorrent. Xehed illi huwa kien kellem lir-rikorrent u l-missieru wara l-incident biex javazhom b'dak li gara, u kien informhom li s-socjeta ntimata kienet ser tqabbad *surveyor* biex jinvestiga l-incident. Spjega li skont is-*surveyor,* il-kawza prossima tan-nirien kien ta' *arson* u ghalhekk is-socjeta ntimata ma dehrilhiex li kienet responsabbli ghall-hsara sofferta mir-rikorrent, u filfatt kien informa b'dan lir-rikorrenti tramite l-avukat tas-socjeta ntimata. Qal illi s-socjeta ntimata ma kellhiex assikurazzjoni ghal dan il-mahzen ghaliex huma jghidu lil klijenti biex jassiguraw l-oggetti taghhom, **pero l-imhazen tas-societa' intimata kienu koperti b'assikurazzjoni**. Xehed ukoll illi kien ta struzzjonijiet lill-impjegati tas-socjeta ntimata sabiex ma jzommux merkanzija li jkollha valur ghola minn €5,000.

**Etienne Cachia** xehed a fol 169I *et seq* illi huwa *clerk* mas-socjeta ntimata u huwa responsabbli biex jipprepara d-dokumenti tad-dwana, izda fil-kaz tar-rikorrenti, kien ghadu m'ghamel xejn, ghaliex dawn normalment jigu preparati hamest'ijiem qabel jitlaq ix-xoghol.

**Fabrizio Giorgio,** permezz ta' affidavit a fol 173 *et seq,* xehed illi peress illi kien diga ghamel uzu mis-servizzi tas-socjeta ntimata qabel u kien hareg sodisfatt, meta hu u martu gew biex jemigraw lura lejn l-Awstralja minn Malta fl-2011, kien iddecieda li jerga juza s-servizzi taghhom biex igorr l-Awstralja numru ta' oggetti personali, inkluz apparat teknologiku li kien juza bhala IT *professional,* u ammont sostanzjali ta' strumenti u apparat muzikali li kien juza peress li huwa muzicist. Spjega li hu u missieru kien marru fl-ufficju tas-socjeta ntimata fl-4 ta' Awissu 2011, u kien qal lil Matthew Sultana li kellu

kaxxa ta' zewg metri kubi biex tigi trasportata, u li hu u martu kienu ser jitilqu lejn l-Awstralja fil-15 ta' Settembru 2011 u xtaqu li din il-kaxxa ma ddumx hafna ma tasal warajhom. Sultana wiegbu li kellu *shipment* li kien ser jitlaq minn Malta lejn l-Awstralja fl-14 ta' Awissu u kien ser idum bejn sitt sa tmien gimghat biex jasal, pero biex il-kaxxa tkun tista' titghabba ma' dan il-vjagg, kellhom johduha sad-9 ta' Awissu biex jigi zgurat li d-dokumentazzjoni kollha necessarja tilhaq tkun lesta. Shipment iehor imbaghad kien jitlaq minn Malta ix-xahar ta' wara. Qal illi kieku Sultana ma kienx ikkonferma li l-vjagg kien ser jitlaq fl-14 ta' Awissu kien imur jara ma' kumpaniji ohra ghat-trasport tal-kaxxa tieghu. Qal li ghalhekk kien talab lil Sultana jaghtih *quote,* **li nbaghtet permezz ta'** ***email,*** **u li hu kien hallas mill-ewwel.** Kienu ftehmu ma' Sultana ukoll illi d-dokumentazzjoni necessarja ssir dakinhar, biex ma jkollux jerga jmur l-ufficju. Ghalhekk kien tah l-indirizz tieghu ta' Malta u ta' l-Awstralja u l-piz approssimattiv tal-kaxxa. Xehed illi Sultana kien tah ukoll formola biex jimla ghall-finijiet ta' *Heritage Malta* u kellu jindika x'oggetti kellu fil-kaxxa, fejn hu kien zied li kellu strumenti muzikali peress illi dawn ma kienux diga inkluzi fil-lista. **Ikkonferma li hu qatt ma indikat valur ta' €500, u li qatt ma gie mitlub biex jindika xi valur,** u qatt ma kien ser jindika dan il-valur **ghaliex biss biss kellu** ***television*** **li kien jiswa €400 wahdu**. Qal li b'dan l-arrangament, kellu biss erbat'ijiem biex ilesti kollox .

Xehed illi fit-18 ta' Awissu 2011 missieru kien qallu li kien hemm nar fil-mahzen fejn kien hemm l-oggetti tieghu u dawn gew kollha distrutti. Qal li ghalhekk hu kien cempel lis-socjeta ntimata biex jitlob li johduh il-mahzen izda dawn qalulu li kellu jkellem lil burdnar. Kompla li ma setghax jaqbdu lil Zammit, ghalhekk kien rega cempel lis-socjeta ntimata, fejn kienu qalulu li Anastasi kien ser icempillu izda filfatt dan qatt ma gara. Minflok kien cempillu Etienne Cachia li kien informah li kien ser jiehdu hu il-mahzen pero ma seta jmiss xejn peress li kienet ghaddejja investigazzjoni tal-pulizija. Xehed illi meta mar fuq is-sit, ra li l-mahzen ma kellux sigurta, ghaliex kien hemm biss grada baxxa li setghat facilment tinqabez u kelb. Xehed illi kien hemm numru ta' 45 *gallon drums* li kienu jidhru qishom ha jispolodu jew diga splodew.

Qal illi huwa kien uza l-*packing list* originali tieghu biex jiddetermina l-valur tal-oggetti li kienu *replaceable,* u kien ta stimi konservattivi, billi kkonsulta ma *online auction sites* u kien ikkuntatja wkoll hanut tal-muzika minn fejn kien xtara xi strumenti tal-perkussjoni. Qal illi a bazi ta' dan wasal ghal konkluzjoni illi l-valur tal-oggetti li nhargu kien in eccess

ta' €28,000. Xehed illi f'din il-kaxxa kien hemm strumenti muzikali li kienu nxtraw fuq perjodu ta' erbatax -il sena, oggetti li kienu xtraw minn pajjizi barranin ghal darhom, kif ukoll hwejjeg, zraben u *computer* u taghmir elettroniku iehor. Xehed illi fil-5 ta' Settembru kien rega mar fuq il-post, fejn kien identifika xi *cymbals* u zewg *cowbells,* li ghalkemm kellhom wisq hsara biex jigu reparati, ried johodhom xorta wahda peress li kellhom valur sentimentali ghaliex kien tahomlu habib tieghu li kien miet, ghalkemm kien dam diversi jiem biex rnexxilu jikseb il-permess ta' Sultana biex jaghmel dan.

Xehed illi minhabba l-akkadut, hu u familtu soffrew perjodu ta' *financial hardship* peress illi ma setghax jiehu xoghol muzikali ghaliex kien tilef l-istrumenti kollha, u kellu jonfoq ammont sostanzjali minn dak li kien jaqla biex jerga jixtrihom. Xehed illi meta tramite l-Avukat Ghio kien talab lis-socjeta ntimata biex taghmel tajjeb ghall-hsara li sofra, **dawn irrifjutaw u qatt ma semmew li l-valur kien *capped* ghal €500.**

**In kontro-ezami** a fol 207A *et seq* xehed illi fuq il-*packing list,* kien indika biss *computer* u mhux *computer u computer parts* ghaliex ma hass l-htiega li jaghmel dan peress li Sultana kien qallu li din kienet ghal fini ta' *Heritage Malta* biss, ghalkemm hass il-htiega li jinkludi l-istrumenti muzikali peress li dawn kienu l-aktar oggetti ghaljin u gheziez ghalih. Xehed illi l-*packing list* ezebita minnu kien ghamilha waqt li kien qed jippakja, ghaliex Sultana kien qallu li ghalkemm ma kellux bzonnha ghal finijiet ta' dwana hawn Malta, ahjar jaghmilha ghal finijiet tal-Awstralja. Mistoqsi jekk hu kellux jimla xi dokument ghal *Heritage Malta* mhux il-*packing list,* **wiegeb li hu jiftakar li mela dokument wiehed biss**. Fir-rigward tal-*packing list,* xehed illi **fejn hemm miktub ix-*shipper, consignee, total packages* u l-valur ta' €500, l-ebda wahda minnhom m'hi bil-kitba tieghu. Xehed li filfatt id-data hija hazina, ghaliex hu ma kienx mar ghand is-socjeta ntimata fid-9 ta' Awissu.** Xehed ukoll illi peress li missieru kien jahdem id-dwana, kien jaf illi l-valur ma kienx relevanti peress illi **ma jithallas dazju fuq *used personal objects*.** Xehed illi zgur ma jistghax ikun li fl-4 t'Awissu kien indika l-valur peress li kien ghadu lanqas biss ippakkja. Ikkonferma li l-firma li tidher for Dok TFS2 hija tieghu, ghalkemm ma jiftakarx jiffirma dan id-dokument. Ikkonferma illi Sultana ma kienx qallu li hemm cans li l-*container* ma jitlaqx jekk ma jkollox bizzejjed xoghol biex jimlieh. Xehed illi tant ma kienx mar ghand Tristar fid-9 ta' Awissu, li biex jigi *updated* il-piz tal-kaxxa, kien baghat email u l-komunikazzjoni kollha dakinhar saret bl-email. Mistoqsi jekk ir-*replacement*

*value* tal-istrumenti muzikali giet komputata fuq strumenti godda jew uzati, xehed "*a bit of both*" skont x'sab fuq is-suq.

**Tiffany Baker** xehdet permezz ta' affidavit a fol 198 *et seq* illi meta hi u r-ragel taghha ddecidew li jmorru lura l-Awstralja, fil-15 ta' Settembru 2011, ir-ragel taghha u missieru kien marru l-ufficju tas-socjeta ntimata fl-4 ta' Awissu biex jirrangaw ghal garr ta' xi oggetti personali taghhom bil-bahar. Xehdet li meta r-ragel taghha rritorna d-dar kien qalilha li kellhom jibdew jippakjaw immedjatament ghaliex il-kaxxa kellha tkun konsentata sad-9 ta' Awissu biex jigi zgurat li titlaq mal-vjagg tal-14 ta' Awissu, minhabba li shipment sussegwenti kien f'Settembru. Xehdet illi fid-9 ta' Awwisu, il-kaxxa kienet giet trasportata mid-dar ta' missier ir-rikorrent u li dakinar stess tiftakar li r-ragel taghha kien ikkorrisponda mas-socjeta ntimata permezz ta' email peress illi ried izid il-piz tal-kaxxa. Xehdet illi fit-18 ta' Awissu missier ir-rikorrent kien qalilhom illi jista' jkun li l-oggetti taghha kienu ntilfu f'nar li hakem il-mahzen fejn kienu, izda meta cemplu, **gie kkonfermat li l-vapur, imsemmi fuq il-*bill of lading* kien salpa mill-Freeport fis-16 ta' Awissu**. Cioe nonostante, kienu gew informati li l-oggetti taghhom kien gew distrutti fin-nar ghaliex ma kienux telqu minn Malta. Xehdet li ghalhekk kienet marret l-ufficju tas-socjeta ntimata flimkien mar-ragel taghha biex jiddiskutu t-*terms and conditions* taht liema s-socjeta ntimata kienet iggorr l-oggetti, izda qatt ma inghataw kopja ta' dawn, u qatt ma gie indikat lilhom li s-socjeta ntimata kienet qed tiehu responsabbilta ghall-akkadut. Xehdet li t-telf tal-oggett taghhom kien ikkawzalhom diffikulta kbira l-Awstralja fejn ma kellhomx impjieg *full-time* garantit, riedu jiehdu hsieb tarbija gdida, u kellhom jaraw kif ser jaghmlu biex l-oggetti li gew distrutti jigu rimpiazzati.

**In kontro-ezami** a fol 209A *et seq* xehdet illi in-*nissen hut* fejn kienu qed jinzammu l-affarijiet taghhom kien *unsecured* ghaliex **"*...we drove in without any checks, it was a simple gate, there was apparently a dog that died in the fire...*"** izda kkonfermat li hi qatt ma marret hemm qabel in-nar. Rigward il-valur ta' €500 indikat fuq il-*packing list,* xehdet illi **hija saret taf b'dan xi sena wara**, meta din giet ipprezentata lir-ragel taghha. Hija kkonfermat li **huma ikkalkulaw il-valur tal-oggett wara l-akkadut u mhux qabel**.

**Leslie Maurice Cox** xehed a fol 245 *et seq* illi huwa *fire safety consultant,* wara li kien ghamel 25 sena jahdem fil-*military fire service,* u kien gie inkarigat mis-socjeta ntimata biex jispezzjoni l-mahzen fejn kien sar l-incendju, liema spezzjoni saret xi sitt ijiem wara.

Xehed illi l-konkluzjoni tieghu kienet li dan kien probabbli *arson.* Qal illi n-nar kien inxtered kullimkien peress illi kien hemm hafna affarijiet. Xehed illi ma kien hemm l-ebda *fire safety feature* bhal *smoke alarm,* jew *fire extinguisher.* F'dan in-*nissen hut*, **kien hemm ukoll *flammable objects* u partikolarment zewg jew tlett vetturi, u diversi *drums* taz-zejt**.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet illi hija m'hijiex marbuta bit-termini tad-dokument datat 9 ta' Awissu 2011 u dan ghaliex m'huwiex iffirmat. Eccepiet ukoll li m'hijiex marbuta b'dawn it-termini ukoll ghaliex id-data mnizzla f'dan id-dokument hija biss indikattiva u mhux tassativa.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, u cioe illi galadarba d-dokument ma giex iffirmat, dan ma jorbotx lis-socjeta ntimata, il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala wahda kompletament infondata.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Grech vs Giuseppe Borg noe et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fis-16 ta' Jannar 1931:

> **"*l'offerta, perche possa essere impegnativa appena vi sia la relativa accettazione, deve essere precisa e determinante e cosi` dimostrativa dell'intenzione dell'offerente di ritenersi vincolato da qualsiasi valida accettazione.*"**

Inoltre, kif irrilevat fis-sentenza fl-ismijiet **L-Accountant General vs Carmelo Penza noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2003:

> "[h]*uwa indiskuss illi l-accettazzjoni gabet maghha u in forza taghha il-vinkolu kontrattwali u ikkrejat il-ftehim fuq l-elementi kollha tieghu, kemm dawk principali kif ukoll dawk sekondarji jew accessorji. Dan ma jistax jitqies ftehim jew akkordju b'funzjoni preparatorja izda wiehed finali* [...]. *Ghax jekk l-offerta kienet biss l-istadju inizzjattiv versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, l-accettazzjoni ghandha b'necessita`*

*titqies bhala adezjoni ghall-kontenut ta' l-offerta. Konsiderati flimkien - l-offerta u l-accettazzjoni - jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim.* ***Jekk l-offerta tirrivesti il-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta` ta' l-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma' dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim**.*"

Fis-sentenza appena citata il-Qorti qalet bl-iktar mod car illi:

"*...**l-offerta u l-accettazzjoni kienu jirrivestu l-kuntratt bejn il-partijiet**.*"

Proprju fir-rigward tan-**nuqqas ta' firma ta' wahda mill-partijiet**, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Periti Arkitetti Alexander Balzan et vs Gasan Enterprises Limited** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar 2017, intqal illi:

"*…**jidher car illi bhala stat ta' fatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet, nonostante illi l-partijiet qatt ma ffirmaw il-Memorandum of Agreement** mibghut mill-periti rikorrenti lis-socjeta ntimata, il-ghaliex l-periti rikorrenti hadmu fuq dak kommissjonat mis-socjeta ntimata, li minn naha taghha, ghamlet hlasijiet ai termini ta' dan il-ftehim ghal numru ta' snin, u cioe sakemm inbieghet il-proprjeta in kwistjoni.*"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-kawza deciza mill-Qrati Ingliza fl-ismijiet **SS Ardennes (Cargo Owners) v SS Ardennes (Owners),** li kienet tressqet mir-rikorrenti ghaliex l-intimati kienu ghamlu weghda verbali illi l-merkanzija, ossia laring, kienet ser tingarr minn Spanja direttament lejn Londra, izda gara illi fil-verita, il-bastiment waqaf l-ewwel Antwerp, u ghalhekk il-merkanzija wasslet tard. Minhabba din il-wasla tardiva, r-rikorrenti kienu soffew dannu finanzjarju ghaliex il-prezz tal-laring fuq is-suq kien naqas, u ghaliex kien lahaq oghla d-dazju fuq il-laring. F'dak il-kas, it-talba tar-rikorrenti kienet giet milqugha mill-Qorti nonostante l-fatt illi l-*bill of lading* kienet taghti lill-intimati l-fakulta li jieqfu Antwerp, u dan ghaliex skont Lord Goddard CJ:

"*. . . a bill of lading is not in itself the contract between the shipowner and the shipper of goods, although it has been said to be excellent evidence of its terms . . .* ***The contract has come into existence before the bill of lading is signed; the latter is signed by one party only, and handed by him to the shipper usually after the goods have been put on board. No doubt if the shipper finds that the bill contains terms with which he is not content, or does not contain some terms for which he has stipulated, he might, if there were time, demand his goods back; but he is not, in my opinion, for that reason, prevented from giving evidence that there was in fact a contract entered into before the bill of lading was signed different from that which is found in the bill of lading, or containing some additional term*** *. . .*

*…****the representation that the ship would sail direct to London would amount to a warranty*** *. . .* ***a promise that the shipowner would not avail himself of a liberty which would otherwise be open to him****…*"[1]

Fil-kas odjern, jirrizulta u mhux kontestat illi r-rikorrent kien mar ghand is-socjeta ntimata ghaliex ried jibghat l-effetti personali l-Awstralja peress li kien ser jemigra hemmhekk flimkien ma' martu. M'huwiex kontestat ukoll illi wara li gie diskuss il-prezz u l-modalita ta' garr, ir-rikorrenti kien offra li jinkariga lis-socjeta ntimata ghal garr ta' dawn l-effetti personali, u m'huwiex kontestat ukoll illi s-socjeta ntimata kienet accettat illi tespleta dan l-inkarigu. Lanqas ma huwa kkontestat ili r-rikorrenti kien filfatt diga hallas lis-socjeta ntimata dak dovut lilha, kif *del resto* jidher mid-dokumentazzjoni prezentata fl-atti. Ghalhekk, il-ftehim bejn il-partijiet kien gie pperfezzjonat u kien ghalhekk vinkolanti, nonostante n-nuqqas ta' firma fuq id-dokument datat 9 ta' Awissu 2011.

Fir-rigward tal-eccezzjoni illi d-data tal-14 ta' Awissu 2011 bhala d-data tat-tluq tal-merkanzija kienet biss indikattiva u mhux tassattiva, l-Qorti tqis ukoll illi din hija nfondata. Ghalkemm Matthew Sultana sahaq illi huwa kien informa lir-rikorrent li jista' jkun li l-vapur ma jitlaqx fid-data mnizzla, l-Qorti tqis illi mill-assjem tal-provi, l-verzjoni tar-rikorrenti hija aktar verosimili. Ir-rikorrenti kien spjega li meta kien mar l-ufficju tas-socjeta ntimata fl-4 ta'

[1] SS Ardennes (Cargo Owners) v SS Ardennes (Owners) [1951] 1 KB 55.

Awissu 2011, flimkien ma' missieru, Matthew Sultana kien qalilhom li jekk igibu l-kaxxa sad-9 ta' Awissu, din kienet tilhaq titlaq ma' vjagg li kellhom fl-14 ta' Awissu, u li ghalhekk kienu ghaglu kemm setghu biex ilestu kollox fil-ftit hin li kellhom, ghaliex inkella kien ikollhom jistennew iktar minn xahar ghax-*shipment* sussegwenti lejn l-Awstralja. Skont ix-xhieda tieghu, dan ma kien ikun xejn konvenjenti ghalih u ghal martu, li kienu ser jaslu l-Awstralja circa f'nofs Settembru, il-ghaliex kellu bzonn l-istrumenti muzikali kollha biex jahdem, bihom u li ghalhekk ma setghax idum minghajrhom. Dan kollu gie kkonfermat minn misser ir-rikorrent, li kien prezenti mieghu meta marru l-ufficju tas-socjeta ntimata, u li spjega kemm kellhom jghaglu biex jippakjaw kollox biex jaccertaw li l-kaxxa tasal ghand is-socjeta ntimata fil-hin, sabiex titlaq il-vjagg tal-14 ta' Awissu 2011. Inoltre, mill-*bill of lading* illi s-socjeta ntimata tat lir-rikorrenti, ma hemm xejn li jindika li din id-data kienet biss wahda indikattiva u li setghet tinbidel.

Ghaldaqstant, l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Ikkonsidrat;**

M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent kien iddepozita l-kaxxa bl-oggetti in kwistjoni mas-socjeta ntimata, u li, fil-mument tal-incident, din kienet fil-pussess taghha, u ghalhekk dawn l-oggetti kienu taht ir-responsabbilita tas-socjeta ntimata. Is-socjeta ntimata pero qed tikkontesta r-responsabbilita taghha ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, ghaliex issostni li ma kienitx responsabbili ghan-nirien li ddistruggew il-proprjeta tar-rikorrenti, u fit-trattazzjoni argumentat illi dan huwa kaz ta' forza magguri.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, l-kaz fortuwitu huwa dak meta avveniment ma setghax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja. Huwa wkoll principju ben risaput illi il-prevedibilita trid tkun ta' probabilitajiet raggionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.[2] Filfatt, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta plc et vs Malta International Airport plc** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016:

> "**[i]*n tema ta' forza magguri, fir-rigward tad-difiza tal-kaz fortuwitu, il-gurisprudenza hi cara fis-sens li huwa ritenut li meta l-akkadut***

[2] Vide per ezempju Vol. XXIV p.I, pg. 172; Vol XLVIII p.I, pg. 258.

***ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi***."

Kif intqal fis-sentenza **Raymond vs Busuttil:**

> ***"biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, jrid ikun hemm event li ma jiddependix*** [sic] ***mill-fatt tad-debitur, event imprevedibili u inevitabli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita' jew imprevedibilita' ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-bonus pater familias."***[3]

Fis-sentenza **Compunet Limited vs B.A.S. Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2010 gie rrilevat illi:

> "(…)"***quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto"*** *("Publio Azzopardi – vsAntonio Arcicovich et" A.K - 14 ta' Novembru 1919; "Bezzina – vsGrech et", K - 7 ta' Gunju 1938; Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt" - P.A. - 17 ta' Mejju 1902; "Micallef noe –vs- Gasan nomine" K. - 20 ta' Jannar, 1930).*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Ottubru 2003 intqal illi:

> **"[j]*ekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, l-prova tal-kaz fortwitu hija mixhuta fuqu - Vol 37 p1 p 440. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-***

[3] Kollez. Vol. XXXI.I.554, citata fis-sentenza **Emanuel Ellul vs Victor Custo noe et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2002.

***natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias - Vol 37 p 2 p 638.***"

Kif ukoll, gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appell 24 ta' April 2015 illi:

> "**[p]*ersuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessita biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'*.** *(Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca Raymond Sammut vs Anthony Micallef deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea deciza fl-24 ta' Mejju 1954 mill - Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell.*"

Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimati illi dan huwa kaz fortuwitu ghaliex mill-Inkjesta Magisterjali rrizulta li n-nirien nqabdu dolazament – kaz ta' arson. Galadarba s-socjeta ntimata dahlet fil-pussess ta' dawn l-oggetti li gew iddepozitati taht ir-responsabblita taghha, hija kellha tiehu mizuri ta' prekawzjoni ragjonevoli biex taccerta s-sigurta ta' dawn l-oggetti, u cioe kellha tiehu hsieb dawn l-oggetti bhala *bonus pater familias.*

Mill-provi jirrizulta illi s-socjeta ntimata ma hadietx passi ragjonevoli ghas-sigurta tal-oggetti mahzuna fin-*nissen hut* in kwistjoni. In partikolari, jirrizulta li l-access ghal go l-mahzen kien facli, u dan billi ma kienx hemm ufficali tas-sigurta, kien hemm grada li facli tigi skalata, u bhala sigurta kien hemm biss zewgt iklieb, li pero kienu jinzammu marbuta u ghalhekk mhux talli ma setghux joffru sigurta kontra dhul mhux awtorizzat, izda talli spiccaw mietu mewta kiefra u krudili fin-nirien. Barra minn hekk lanqas kien hemm mizuri ta' protezzjoni bhala *smoke alarm* jew *sprinklers* f'dan il-mahzen. Aghar minn hekk, minkejja n-nuqqas ta' mezzi ta' protezzjoni kontra nirien, fl-istess mahzen fejn inhaznu l-oggetti tar-rikorrent, kien hemm ukoll oggetti *flammable,* tant illi mil-*proces verbal* tal-inkjesta jirrizulta illi l-membri tal-Protezzjoni Civili kellhom jergu jirritornaw gurnata wara minhabba perikolu attwali li jisplodu xi cilindri. **Filfatt mill-istess proces**

**verbal irrizulta illi kien hemm erba' trakkijiet, fork lifter, 39 tank mimlijin zejt tal-vapuri, 15 -il tank mimlijin inka, 2 cilindri tal-gass, 2 cilindri tal-arja u cilindru ta' acitilena.** Illi apparti dana kollu, minkejja li l-imhazen tas-socjeta intimati kienu assikurati kontra riskji, dan il-mahzen tal-burdnar taghhom, ma kienx ugwalment kopert, minkejja r-riskji lampanti.

Il-Qorti tqis hawnhekk li jkun utli taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mediterranean Trading Shipping Company Limited et noe vs Tristar Freight Services Limited** moghtija **kontra l-istess societa' ntimata minhabba hsara kkawzata <u>mill-istess nirien</u>** minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2013, fejn intqal illi:

> **"[d]*ebitur hu dejjem responsabbli biex iwettaq l-obbligu li jkun assuma, sakemm ma jigrix xi incident li huwa ta' forza magguri jew kaz fortuwitu. Ladarba l-konvenuta hadet il-pussess tat-taghmir tramite terza persuna nkarigata minnha, kienet fl-obbligu li tikkonservah u tizgura li ma ssirlux hsara. Ghalhekk mal-konsenja l-oggetti ghaddew fir-riskju u periklu tal-konvenuta (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).*"**

Dan kollu jwassal lil Qorti ghal konkluzjoni illi s-socjeta ntimata ma tistghax tahrab ir-responsabbilta taghha ghall-hsara sofferta mir-rikorrent billi tinvoka l-kaz fortuwitu meta kien hemm kolpa antecedenti, galadarba s-socjeta ntimata naqset ghal kollox milli tiehu mezzi ta' prekawzjoni biex taccerta s-sigurta tal-oggetti depozitati ghandha. Il-Qorti tqis inoltre kkonsidrat il-kontenut tal-mahzen, u n-nuqqas ta' sigurta, s-societa intimata esponiet ghal riskju konsiderevoli l-*personal effects* tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tar-raba' u l-hames eccezjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi d-danni reklamati mir-rikorrent huma ezagerati ghaliex kien ir-rikorrneti stess li kien iddikjara fil-*packing list* illi l-valur tal-oggetti li ried li jingarru kien ta' €500; ghalhekk il-Qorti

m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent stante l-illecita tal-kawza tieghu minhabba li r-rikorrenti qed jipprova jaghmel gwadan indebitu.

**Jirrizulta u mhux kontestat illi l-valur ta' €500 indikat fuq d-dokument esebit a fol 42 gie miktub minn Matthew Sultana u mhux mir-rikorrent.** Pero, filwaqt li Sultana jghid illi dan il-valur kien indikah ir-rikorrent, ir-rikorrent jishaq illi huwa qatt ma indika dan il-valur u filfatt lanqas biss qatt gie mistoqsi biex jaghtu valur approssimattiv tal-oggetti li ried li jingarru.

Il-Qorti tqis illi hija verosimili x-xhieda tar-rikorrent illi huwa ma kienx indika dan il-valur meta mar ghand is-socjeta ntimata fl-4 ta' Awissu 2011, ghaliex dakinhar ir-rikorrent ma kienx ghadu cert ezatt x'kien ha jigi ppakjat, tant illi ghalkemm kien indika li l-kaxxa kien ser ikollha piz ta' 200kg, wara li ppakkja kellu jikkomunika mas-socjeta ntimata biex il-piz jizdied ghal 400kg. Il-Qorti tqis verosimili ukoll l-asserzjoni tieghu illi fid-9 ta' Awissu 2011, u cioe d-data li jgib id-dokument a fol 42, huwa ma kienx mar ghand is-socjeta ntimata, izda l-kommunikazzjoni kollha saret permezz ta' *emails.*

Mis-sentenza sucitata fl-ismijiet **Mediterranean Trading Shipping Company Limited et noe vs Tristar Freight Services Limited** jidher li hija prassi tas-socjeta ntimata li taqbad u tfajjar valur hi stess, kif jidher mis-segwenti bran tas-sentenza:

> ***"L-attrici ghamlet ukoll enfazi ghall-valur tat-taghmir dikjarat mill-attrici Mediterranean Trading Shipping Company Limited. Hu minnu li l-valur dikjarat minnha fiddokument esebit a fol. 36, hu ta' €2,000. Madankollu dak il-valur gie ddikjarat f'dokumenti tad-Dwana, procedura li bilfors kellha ssir qabel it-taghmir jigi esportat minn Malta. Nicholas Saliba, impjegat tal-ewwel attrici, spjega kif il-valur ta' €2,000 inghata lilu minn Peter Ellul Sullivan (direttur tal-kumpannija). Tal-ahhar ikkonferma dan u qal: "Mistoqsi biex nghid minn fejn gibt il-valur ta' Ewro 2000, nghid il-valur ghal export ma tantx huwa daqshekk importanti ghad-dwana Maltija. It is a statistical value .. Li ghamilt hu li mill-ftit esperjenza li ghandi ghidtlu nizzlu Ewro 2000. Ir-rig equipment jiena ma rajtux" (fol. 87). Hi l-fehma tal-qorti li pjuttost mill-esperjenza x-xhud qabad u fajjar cifra, meqjus li hu stess qal li ma kienx ra l-apparat u "Jien m'inhix xi***

***bniedem tekniku fuq dan l-apparat li ghandu x'jaqsam ma' oil rigs" (fol. 87)."***

Il-Qorti tqis ukoll illi konsidrat il-kwantita ta' oggetti li kien hemm fil-kaxxa, l-piz u d-daqs tal-kaxxa, huwa ghal kollox inverosimili illi l-valur taghhom huwa ta' €500. Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti li r-rikorrent irnexxilu jeghleb dak pretiz mis-socjeta ntimata rigward il-valur tal-oggetti, ghaliex gie stabbilit li l-valur ma kienx miktub mir-rikorrent, id-dokument jgib data li fiha r-rikorrent ma kienx prezenti fl-ufficju tas-socjeta ntimata. Dana kollu jitfa' dubbju serju fuq il-veracita ta' dan il-valur. Minn naha l-ohra, ghajr ghal kontestazzjoni li tirrigwarda d-diskrepanza bejn l-valur fuq il-*packing list* u l-valur tal-oggetti kif stmat mir-rikorrent, is-socjeta ntimata ma kkontestatx il-valur intrinsiku tal-oggetti kif stmat mir-rikorrent u pretiz fit-talba. Lanqas ma giet mitluba nomina tal-espert ghal verifika tal-valur tal-oggetti elenkati fi fol 35 sa 37. Konsegwentement il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha kif dedotta.

Ghaldaqstant, ir-raba' u l-hames eccezzjoni qed jigu respinti.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tas-sitt u s-sebgha eccezzjoni, s-socjeta ntimata tikkontendi li m'hijiex responsabbli ghat-telf jew hsara minhabba hruq u li fi kwalunkwe kaz, ir-responsabblita taghha hija limitata, b'applikazzjoni ta' ligi specjali u Konvenzjonijiet applikabbli.

Fir-rigward ta' dawn l-eccezzjonijiet, l-Qorti tinnota illi minkejja li din qatt ma giet formalment irtirata mis-socjeta ntimata, s-socjeta ntimata ma offriet l-ebda argument fit-trattazzjoni taghha bix tissostanzja din l-eccezzjoni.

Minhabba dan in-nuqqas tas-socjeta ntimata, l-Qorti tista' biss tassumi illi l-ligi specjali li ghaliha qed taghmel referenza s-socjeta ntimata, huwa l-Att Dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti pero', illi din il-ligi specjali m'hijiex applikabbli f'dan il-kaz u dan ghaliex l-Artikolu 1 jipprovdi illi:

“*garr ta’ merkanzija" tfisser iż-żmien minn dak il-ħin li l-merkanzija* ***titgħabba fuq il-bastiment*** *sa x’ħin tinħatt minnu*”

(Enfasi ta’ din il-Qorti)

Ghalhek galadarba l-oggetti tar-rikorrent ma kienux ghadhom tghabbew fuq bastiment, ma kienx hemm ‘garr ta’ merkanzija’ ghall-finijiet ta’ dan l-Att, u konsegwentement l-istess Att m’huwiex applikabbli.

Ghaldaqstant is-sitt u s-sebgha eccezzjoni qed jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara illi s-socjeta ntimata hija responsabbli ghall-hsara sofferta mir-rikorrenti wara li l-oggetti personali tieghu u tal-familja tieghu gew distrutti f’nirien li hakmu l-mahzen fejn dawn kienu jinstabu;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin - elf ewro (€28,000); u konsegwentement**

3. **Tordna lis-socjeta ntimata thallas lir-rikorrent is-somma ta’ tmienja u ghoxrin ewro (€28,000), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagamet effettiv.**

L-ispejjez kollha huma a karigu tas-socjeta ntimata.

## Moqrija

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**